

31994L0008

L 82/33

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.3.1994

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/8/KE****tal-21 ta' Marzu 1994****li temenda d-Direttiva 78/660/KEE dwar ir-reviżjoni ta' l-ammonti espressi f'ecu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 imsejsa fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (2),

Billi l-Artikoli 11 u 27 tad-Direttiva 78/660/KEE u, bħala riferiment, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 83/349/KEE (3) u l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva 84/253/KEE (4) għandhom fihom l-għetiebi espressi fl-ecu għat-total tal-karta tal-bilanċ u l-valur tal-bejgħ nett li ġewwa fihom l-Istati Membri jistgħu jagħtu ċerti derogi mid-Direttivi msemmija;

Billi, skond l-Artikolu 53(2) tad-Direttiva 78/660/KEE, kull ħames snin il-Kunsill, huwa u jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jeżamina, u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, jirrevedi l-ammonti espressi fl-ecu f'din id-Direttiva, fid-dawl tax-xejriet ekonomiċi u monetarji fil-Komunità;

Billi sal-lum il-Kunsill, skond l-Artikolu 53(2) tad-Direttiva 78/660/KEE, irreveda f'żewġ okkażjonijiet l-ammonti msemmija permezz tad-Direttivi 84/569/KEE (5) u 90/604/KEE (6);

Billi t-tielet perjodu taż-żmien ta' ħames snin intemm fl-24 ta' Lulju 1993 u r-rivista ta' dawn l-ammonti hija għalhekk iġġustifikata;

Billi f'dawn l-aħħar ħames snin, l-ecu tilef parti mill-valur tiegħu, imkejjel f'termini reali; billi, fuq il-bażi tax-xejriet ekonomiċi u monetarji fil-Komunità, hija meħtieġa żieda fl-ammonti espressi f'ecu,

(1) ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p. 11. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/605/KEE (ĠU L 317, tas-16.11.1990, p. 60).

(2) ĠU L 193, tat-18.7.1983, p. 1.

(3) ĠU L 126, tal-5.12.1984, p. 20.

(4) ĠU L 314, ta' l-4.12.1984, p. 28.

(5) ĠU L 317, tas-16.11.1990, p. 57.

*Artikolu 1*

1. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 78/660/KEE huwa huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— fl-ewwel inċiż, "it-total tal-karta tal-bilanċ: ta' 2 000 000 ECU" għandu jinbidel bi "it-total tal-karta tal-bilanċ: ta' 2 500 000 ECU",

— fit-tieni inċiż, "il-valur tal-bejgħ nett: ta' 4 000 000 ECU" għandu jinbidel bi "il-valur tal-bejgħ nett: ta' 5 000 000 ECU".

2. L-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— fl-ewwel inċiż, "it-total tal-karta tal-bilanċ: ta' 8 000 000 ECU" għandu jinbidel bi "it-total tal-karta tal-bilanċ: ta' 10 000 000 ECU",

— fit-tieni inċiż "il-valur tal-bejgħ nett: ta' 16 000 000 ECU" għandu jinbidel bi "il-valur tal-bejgħ nett: ta' 20 000 000 ECU".

3. Ir-reviżjoni ta' l-ammonti ta' hawn fuq fl-ecu għandha tikkostitwixxi t-tielet reviżjoni ta' kull ħames snin ipprovduta fl-Artikolu 53(2) ta' Direttiva 78/660/KEE.

*Artikolu 2*

L-ammont ekwivalenti ta' l-ecu fil-munita korrenti nazzjonali għandu jkun dak li jkun jeżisti fil-21 ta' Marzu 1994 kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 3*

1. Dawk l-Istati Membri li jkun beħsiebhom li jagħmlu użu mill-għażla pprovduta fl-Artikoli 11 u 27 tad-Direttiva 78/660/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa għalihom sabiex iħarsu din id-Direttiva f'kull żmien wara l-pubblikazzjoni tagħha. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza għal din id-Direttiva fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Y. PAPANTONIOU

---